II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1874

tal-25 ta' Ottubru 2021

li jikkoreġi l-verżjonijiet tal-lingwa Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2018/395 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja kif ukoll għall-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjira għall-blalen tal-arja, u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1976 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-gliders kif ukoll għall-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjira għall-gliders

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23, 27 u 31 tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Ġermaniża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 ([2]) fiha l-iżbalji fil-Parti BFCL, is-Subparti BPL, il-punti BFCL.125 BPL(a) u BFCL.145 BPL(e), tal-Anness III li jbiddlu s-sens tat-test.

(2) Il-verżjoni tal-lingwa Ġermaniża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 ([3]) fiha żbalji simili fil-Parti SFCL, is-Subparti SPL, il-punti SFCL.125 SPL(a) u SFCL.145 SPL(e), tal-Anness III li jbiddlu s-sens tat-test.

(3) Għalhekk, il-verżjonijiet tal-lingwa Ġermaniża tar-Regolament (UE) 2018/395 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1976 jenħtieġ li jiġu korretti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/395 tat-13 ta' Marzu 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-blalen tal-arja kif ukoll għall-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjira għall-blalen tal-arja skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 71, 14.3.2018, p. 10).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1976 tal-14 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-operat tal-gliders kif ukoll għall-liċenzjar tal-ekwipaġġ tat-titjira għall-gliders skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 326, 20.12.2018, p. 64.).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN